# IL-V KTIEB

## F'Ruma u Milan

1. Jien u nistqarrlek dan kollu, ilqa' s-sagrifiċċju tiegħi minn id dan l-ilsien li sawwartli u li int qanqaltu biex ifaħħar lil ismek; fejjaq lil għadmi kollu biex igħidlek, "Min bħalek, Mulej?" Min jistqarrlek ħajtu ma jkun qiegħed jurik xejn ġdid dwar xinhu jiġri ġewwa fih, għax qalb magħluqa ma tistax tbiegħed lil għajnejk minnha, anqas l-ebusija ta' qalb il-bniedem ma twarrablek idek, iżda inti trattabha kif jogħġbok, bil-ħniena jew bil-kastigi tiegħek, u xejn ma jinħeba mis-sħana tiegħek. Ħa tfaħħrek ruħi biex tħobbok, u ħa tistqarr il-ħniniet tiegħek biex tfaħħrek. Il-ħolqien kollu ma jaqtax u ma jiqafx mit-tifħir tiegħek; kull ma jieħu n-nifs ma jehdiex ifaħħrek b'fommu mdawwar lejk, anqas il-ħlejjaq ħajjin u dawk li għandhom ġisem biss ma jieqfu jfaħħruk b'fomm min jaħseb fuqhom. U hekk ruħna tistejqer mit-telqa tagħha u titwieżen fuq il-ħlejjaq tiegħek biex tibqa' miexja lejk, ħallieq tagħhom tal-għaġeb, ħalli fik issib il-fejqan u l-qawwa tagħha tassew.

2. Ħa jitilqu u jaħarbu minn quddiemek il-ħżiena li ma għandhomx mistrieħ. Inti tħares lejhom, tilmaħ id-dellijiet

tagħhom, u tara li bihom kollox hu sabiħ minkejja l-kruha ta' ħżunithom. Xi ħsara setgħu jagħmlulek? Jew fiex kasbru l-ġieh ta' saltnatek, saltna ġusta u tinfirex sħiħa mill-għoli tas-smewwiet sat-trufijiet ta' l-art? Fejn marru meta ħarbu minn quddiem wiċċek? Fejn mintix se ssibhom? Huma ħarbu biex ma jarawkx tħares lejhom, biex ma jaħbtux miegħek b'għajnejhom magħluqa, int li xejn ma titlaq minn dak kollu li għamilt. Ħarbu minnek biex ma jaħbtux miegħek u jieħdu l-kastig li ħaqqhom; twarrbu mill-ħlewwa tiegħek biex ġew wiċċ imb'wiċċ mas-sewwa tiegħek u waqgħu taħt il-qilla tiegħek. Ma jafux li inti tinsab kullimkien u mkien ma jesgħek, u li int waħdek tinsab anki fost dawk li tbiegħdu minnek. Ħa jerġgħu lura, mela, u jfittxuk, għax int ma titlaqx il-ħlejqa tiegħek bħalma huma telqu l-ħallieq tagħhom. U ara, hekk kif jerġgħu jduru lejk, inti tkun hemm, ġewwa qalbhom, fil-qalb ta' dawk li jistqarruk u jinxteħtu quddiemek u jibku fi ħdanek wara t-triqat imwiegħra tagħhom. Minnufih inti tixxotta d-dmugħ minn għajnejhom, iżda huma aktar jibku, u l-biki jfarraġhom, għax int, Mulej, mintix bniedem tad-demm u l-laħam: int, Mulej, il-ħallieq tagħhom li jġeddidhom u jfarraġhom. Fejn kont jien meta kont qiegħed infittxek? Int kont quddiemi, imma jien tbegħidt minni nnifsi u ma stajtx nerġa' nsib lili nnifsi: wisq inqas stajt insib lilek!

3. Insemmi quddiem Alla dak li għaddejt minnu fis-sena meta għalaqt id-disgħa u għoxrin. F'Kartaġni ġie isqof tal-Manikej, jismu Fawstu, xibka kbira f'idejn ix-xitan u ħafna nqabdu fiha, għax il-ħlewwa ta' kliemu saħħrithom. Jien ukoll faħħartu għal kliemu, iżda kont inqis fiex jaqbel u fiex ma jaqbilx mal-verità tal-ħwejjeġ

li b'ħerqa kbira xtaqt inkun naf. Ridt nara mhux minn fejn kien ħiereġ id-diskors, iżda x'matmura ta' għerf seta' jnewwilli Fawstu, li kien hekk imfaħħar minn dawk in-nies. Diġà kienu semmewhuli bħala bniedem minn ta' quddiem ħafna f'kull fergħa ta' għerf xieraq u li fuq kollox kien imkisser fit-tagħlim liberali[1]. Jien kont diġà qrajt kotba ta' bosta filosofi u żammejt tagħlimhom f'moħħi; għalhekk bdejt inqabbel xi wħud minnhom mal-ħrejjef bla tarf tal-Manikej, u sibt li kienet aktar probabbli l-fehma tal-filosofi, għax moħħom kien hekk iwassal li seħħilhom jagħarfu sewwa l-ħolqien, għad li xejn ma għarfu min hu Sidu. Għax int kbir, Mulej; inti tieħu ħsieb iċ-ċkejknin imma tagħraf l-imkabbrin mill-bogħod, u ma tersaqx qrib ħlief lejn min hu qalbu maqsuma. L-imkabbrin ma jistgħux isibuk, anqas jekk ikollhom id-dehen kollu biex b'reqqa kbira jgħoddu l-kwiekeb u t-trab tar-ramel, jew iqisu kemm il-kwiekeb huma bogħod minn xulxin u kif iħożżu triqathom.

Huma jfittxu dawn il-ħwejjeġ bil-moħħ u d-dehen li tagħtihom int; kisbu ħafna tagħrif u sa minn bosta snin qabel ħabbru l-jum u l-ħin ta' l-eklissi tax-xemx u l-qamar u kemm jinkifes minnhom, u kollox jiġri kif ikunu ħabbru huma, għax ma tqarrqux fil-qisien tagħhom. Huma niżżlu bil-miktub ir-regoli li kixfu, u n-nies għadha sal-lum timxi fuqhom biex bihom jitħabbru s-sena, ix-xahar, il-jum u l-ħin ta' l-eklissi tal-qamar jew tax-xemx u kemm jinkifes minnhom; u jiġri kif ikun tħabbar. In-nies tistagħġeb, min ma jifhimx jibqa' miblugħ, u min jifhem arah jithenna u jaqbeż bil-ferħ. Imma fit-tkabbir u l-ħażen tagħhom jitbiegħdu mid-dawl tiegħek u jitilfuh; sa minn ħafna snin qabel iħabbru li d-dawl tax-xemx ikun se jinħeba

u ma jarawx li fl-istess ħin huma nfushom ikunu tilfu d-dawl. Ma jfittxux b'qima minn fejn hu ġej id-dehen li bih jiksbu dan it-tagħrif. Jekk jintebhu li int il-ħallieq tagħhom, ma joffrux ruħhom lilek biex inti tħares il-ħlejjaq tiegħek. Qishom kienu huma li ħalqu lilhom infushom ma jissabbtux ma' l-art minħabba fik, ma jeqirdux il-ftaħir li bih jittajru qishom tjur ta' l-ajru, ma jġibux fix-xejn il-kurżità li biha jistħarrġu l-mogħdijiet moħbija tal-qiegħ qishom ħut tal-baħar, u ma joħonqux il-ħajja bla rażan li jgħixu qishom bhejjem tax-xagħri. Ma jagħmlu xejn minn dan biex int, o Alla, bħal nar li jtemm, teqirdilhom il-ġibdiet mejta tagħhom u ġġeddidhom għall-ħajja li ma tmutx.

Huma ma għarfux it-triq, il-Verb tiegħek, li bih int għamilt dak li huma jħabbru, lil dawk stess li jħabbru, il-ħila li biha jifhmu xi jħabbru, u d-dehen li jħabbru bih. Imma int, id-dehen tiegħek bla tarf. L-Iben waħdieni tiegħek sar għalina l-għerf, ġustizzja u qdusija, sar wieħed minna u ħallas it-taxxa lil Ċesari. Ma għarfux din it-triq li tniżżilhom mill-għoli tagħhom sa ħdejh ħalli bih jitilgħu sa ħdejk; ma għarfux din it-triq u jidhrilhom li laħqu l-għoli u d-dawl tal-kwiekeb. Iżda, ara, huma waqgħu fl-art u qalbhom bla dehen iddallmet. Igħidu bosta ħwejjeġ veri fuq il-ħolqien, iżda ma għandhomx it-tjieba li jfittxu l-verità li sawret il-ħolqien, u għalhekk ma jsibuhiex. U jekk isibuha u jagħarfu 'l Alla, ma jagħtuhx ġieh u jroddulu ħajr ta' Alla li hu. Moħhom jintilef fil-bluha, iridu jagħmluha ta' għorrief, dak li hu tiegħek igħidu li hu tagħhom, u fil-għama qieragħ tagħhom jaslu wkoll biex dak li hu tagħhom igħidu li hu tiegħek, jiġifieri, igħabbu lilek bil-gideb tagħhom, int li int il-verità, u hekk jibdlu



Fis-sena 374 reġa' lura f'Tagaste. Monika qasmet qalbha meta saret taf bl-iżbalji ta' binha li għallmuh il-Manikej. Hija ma riditux magħha.

l-glorja ta' Alla li ma jintemmx mas-sura u x-xbieha tal-bniedem li jintemm, ta' l-agħsafar, tal-bhejjem b'erba' saqajn u tas-sriep. Il-verità tiegħek jibdluha ma' gidba, u jagħtu l-ġieh u l-qima tagħhom lill-ħlejjaq minflok ma jagħtuhom lill-ħallieq.

Imma għad li dan, hemm ħafna tagħrif veru li huma ġabru mill-ħolqien, u jien żammejtu. Il-prova tiegħu kont insibha fil-għadd u t-taqsim ta' l-iżmna u fix-xhieda ċara li l-kwiekeb jagħtuna, u mbagħad kont inqabbel kollox ma' dak li qal Manes. Dan fit-telfa ta' moħħu kiteb bosta fuq dawn il-ħwejjeġ, iżda fit-tagħlim tiegħu ma sibtx il-prova tas-solstizji, l-ekwinozji u l-eklissi tax-xemx u l-qamar, u anqas ta' għerf ieħor bħal dan li jien tgħallimt mill-kotba tal-għerf profan. U madankollu kont inħoss xi jġagħalni nemmen lilu, anki jekk ma kienx jaqbel mat-tagħrif meqjus li jien stħarriġt b'għajnejja stess, anzi kien imbiegħed wisq minnu.

4. Mulej, Alla tal-verità, min jagħraf dan kollu jsir jogħġbok? Kemm hu msejken min jagħraf dan kollu bla ma jagħraf lilek! Iżda hieni min jagħraf lilek, ukoll jekk ma jkun jaf xejn minn dan. U jekk xi ħadd jagħraf sew lilek u sew lilhom, b'daqshekk ma jkunx aktar hieni għax jaf lilhom ukoll, iżda hieni minħabba fik waħdek jekk jagħarfek u jagħtik glorja talli int u jroddlok ħajr, bla ma jitlef moħħu fuq il-frugħa. Min jaf li għandu siġra u jroddlok ħajr talli jinqeda biha, għad li ma jafx kemm hi għolja u wiesgħa, hu aħjar minn min jaf il-qisien tagħha u kemm għandha friegħi, iżda la hi tiegħu u lanqas jagħraf jew iħobb lil min ħalaqha. Hekk ukoll il-bniedem fidil, id-dinja bil-għana kollu tagħha hija tiegħu; qisu ma għandu

xejn, imma kollox tiegħu ladarba hu magħqud miegħek, int li l-ħlejjaq kollha jaqduk. Xejn ma jimporta jekk anqas biss bil-ġirja tad-Dbub[2] ma jkun jaf: iblah min jiddubita li dan il-bniedem hu aħjar minn min jaf kemm hu wiesa' s-sema, kemm hemm kwiekeb u kemm jiżnu l-elementi, iżda ma jħabbilx rasu minnek li ordnajt kollox bil-qjies, bil-għadd u bl-użin.

5. Terġa' mbagħad lil dak Manes min talbu jikteb fuq ħwejjeġ li m'hemmx għalfejn inkunu nafuhom biex nitgħallmu t-tjieba? Inti lill-bniedem għidtlu: Ara, it-tjieba hija l-għerf. Għandu mnejn dak kien jaf fuq ponot subgħajh il-ħwejjeġ li kiteb fuqhom, għad li seta' ma kien jaf xejn fuq it-tjieba; iżda billi anqas dawk ma kien jaf u safrattant kellu l-wiċċ sfiq igħallimhom, mela wisq inqas seta' jkun jaf it-tjieba xinhi. Hi frugħa li wieħed juri li għandu l-għerf tad-dinja mqar jekk ikun jafu sewwa, iżda hi tjieba jekk jistqarr li dan il-għerf hu don tiegħek. Kien għalhekk li dak qal ħafna diskors żbaljat fuq din il-materja, biex min tassew jifhem fiha jwaqqagħlu kliemu u kulħadd jintebah bil-ħsieb li kellu, jiġifieri, li jasal fi ħwejjeġ oħra aktar profondi. Mhux biss ma riedx li n-nies tqisu b'inqas milli kien, iżda wkoll fittex li jġiegħel lil kulħadd jemmen li l-Ispirtu s-Santu nnifsu, faraġ u għana tal-fidili tiegħek, kien jinsab fih bis-setgħa sħiħa tiegħu[3]. Għalhekk, wara li n-nies intebhu bil-qerq tat-tagħlim tiegħu fuq is-sema u l-kwiekeb u l-mixi tax-xemx u l-qamar, għad li dawn mhumiex ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mat-tagħlim tar-reliġjon, kulħadd ra sewwa kemm l-isforzi tiegħu kienu sagrilegi; għax mhux biss ma kienx jaf x'qiegħed igħid, iżda wkoll kien ixandar it-tagħlim falz tiegħu b'ġenn ta'

suppervja hekk kbira li kien jagħmel ħiltu kollha biex iġiegħel lil kulħadd jemmen li dak it-tagħlim kien ġej minnu bħala persuna divina.

Ġie li nisma' 'l xi ħadd mill-aħwa nsara jitkellem fuq ħwejjeġ bħal dawn u mhux biss ma jkunx jifhem fihom iżda wkoll jiżbalja fuqhom. Jien noqgħod nisma' l-fehmiet tiegħu bis-sabar, u jidhirli li, jekk ma jkollux fehmiet imgħawġa dwarek, is-Sid li ħalaq kollox, ma jkunx deni għalih jekk forsi ma jkollu ebda tagħrif fuq il-qagħda u l-imġiba ta' l-iġsma maħluqa. Id-deni jagħmlu lilu nnifsu jekk jaħseb li dan it-tagħrif hu biċċa mit-tagħlim nisrani u jibqa' jwebbes rasu fl-istqarrija ta' dak li ma jifhimx fih. Iżda minkejja dawn il-fehmiet dgħajfa li jinbtu meta wieħed ikun għadu qisu fil-fsieqi tal-fidi, huwa jħoss l-imħabba twieżnu bħal omm, sa ma l-bniedem il-ġdid isir hekk perfett li ma jkunx jista' jitkaxkar minn kull riħ ta' tagħlim. Iżda Manes wasal biex jagħmel lilu nnifsu mgħallem, għajn, mexxej u kap ta' dawk li ried idaħħlilhom f'moħħom it-tagħlim tiegħu, hekk li min mexa wrajh stħajjel ruħu qiegħed jimxi mhux wara bniedem komuni, iżda war l-Ispirtu l-Qaddis tiegħek. U għalhekk min hu dak li, wara li jkun kixef il-qerq tiegħu, ma jiġġudikax imġibtu bħala ġenn kbir li jistħoqqlu minn jisħtu u jwarrbu għal kollox?

Jien kont inġib quddiem għajnejja kif wara ġranet u ljieli itwal jiġu oħrajn iqsar, kif wara n-nhar jiġi l-lejl, kif id-dwal tas-sema jgħibu, u ħwejjeġ oħra bħal dawn li kont qrajt fuqhom f'kotba oħra, imma kont għadni ma nistax nara ċar jekk dan kollu stajtx infissru bis-saħħa ta' tagħlimu wkoll. Li kieku stajt, tassew li ma kontx se naċċerta ruħi li dan it-tibdil naturali jsir b'mod u mhux b'ieħor, imma

għallinqas kont inserraħ moħħi fuq l-awtorità li dak il-bniedem kellu minħabba l-fama ta' qdusitu u nemmen it-tifsir mogħti minnu.

6. F'dik il-medda ta' kważi disa' snin li matulhom b'moħħi mxerred tajt widen għall-Manikej, qgħadt nistenna l-wasla ta' dan Fawstu b'xewqa liema bħalha. Sħabu l-oħrajn, meta kont niltaqa' magħhom, ma kinux jafu jwieġbu għall-mistoqsijiet tiegħi fuq dawn il-ħwejjeġ; kienu biss iwegħduni li, meta Fawstu jiġi u nitħaddet miegħu, kien iħoll bl-akbar ħeffa u b'mod l-iżjed ċar il-kwistjonijiet tiegħi u oħrajn itqal li stajt inqiegħed quddiemu. Meta mbagħad wasal, jien sibtu raġel dħuli u jiġbdek bi kliemu, li kien jaf ipaċpaċ fuq l-istess ħwejjeġ li jgħidu l-oħrajn imma bi ħlewwa iżjed. Kien jinqala' ħafna biex ihejji xorb mill-aħjar; imma kif seta' jaqta' l-għatx tiegħi? Widnejja kienu xebgħu jisimgħu kliem bħal dan li lili ma daqqlix aħjar għax ħiereġ minn fomm bniedem li jaf jitkellem aħjar, anqas ma ħassejtu iżjed veru għax kien minsuġ b'sengħa aqwa. Deherli li l-bixra ħelwa ta' wiċċu u kliemu xieraq ma kinux xhieda ta' moħħ għaref. Sħabu, li wegħduni ħafna bih, ma għamlux ħaqq tajjeb minnu; huma kienu jarawh għaqli u għaref għax kliemu kien jogħġobhom. Sirt naf nies xort'oħra li jħossu ruħhom 'l hawn u 'l hinn imqar quddiem il-verità nfisha u ma jkunux iridu jilqgħuha jekk xi ħadd jipprova jfissirhielhom b'ħafna tpaċpiċ ħelu. Lili għallimni Alla tiegħi, għad li b'mod misterjuż u tal-għaġeb; nemmen li kont int li għallimtni, għax inti wrejtni l-verità u ħadd ħliefek ma hu mgħallem tal-verità, tinsab fejn tinsab u tiġi minn fejn tiġi. Minnek tgħallimt li kulma jingħad

ma għandniex inqisuh b'veru għax il-kliem ikun imqiegħed bis-sengħa, anqas ma għandna ngħidu li hu falz għax jasal imħawwad f'widnejna; hekk anqas ma għandna ngħoddu b'veru dak li ma jintqalx bis-sengħa, kif anqas ma nistgħu ngħidu li hu falz għax ikun diskors mill-aqwa. Għalhekk il-għerf u l-bluha qishom l-ikel li jwieti jew ma jwetix, u wieħed jista' jinqeda bi kliem sabiħ jew le bħalma jista' jnewwel l-ikel fi bwieqi tal-kina jew tal-fuħħar.

Wara li kont ili ħafna nistenna b'xewqa kbira lil dak il-bniedem, serraħt qalbi narah u nisimgħu jitkellem b'dik il-ħeffa ta' diskors li bih kien ilibbes kif jixraq lil ħsibijietu. Kien iħennini, u kont infaħħru u ngħożżu bħal ħafna oħrajn, anzi iżjed minn kulħadd. Kont niddejjaq meta nara li, minħabba l-kotra kbira ta' semmiegħa madwaru, ma kontx nista' nferragħ fuqu u naqsam miegħu l-inkwiet li kelli fuq il-kwistjonijiet tiegħi, nitħaddet miegħu ras ma' ras biex nagħmillu l-mistoqsijiet tiegħi u nisma' t-tweġib tiegħu. Meta fl-aħħar ġietni l-okkażjoni u flimkien ma' ħbiebi stajt niġbed l-attenzjoni tiegħu f'ħin xieraq għal taħdita bejnietna, jien kellimtu fuq xi ħwejjeġ li kienu jħawduni. Kien qara xi diskorsi ta' Ċiċerun, ftit wisq mill-kotba ta' Seneka[4], ftit oħrajn minn tal-poeti, u xi kitbiet oħra tas-setta tiegħu li kienu miktubin b'Latin tajjeb. U billi kien imħarreġ sewwa fit-taħdit ta' kuljum, kien jaf jitkellem bis-sengħa b'mod li jogħġob u jsaħħar lil kulħadd, iżjed u iżjed għax kien raġel jilħaqlu u ħelu minn qaddisu. Mulej Alla tiegħi, qiegħed niftakar sewwa, imħallef tal-kuxjenza tiegħi? Ara, qalbi u l-fakra tiegħi quddiemek, int li f'dak iż-żmien kont tmexxini skond il-ħsieb moħbi tal-providenza tiegħek, u li kont tgħaddili minn quddiem

wiċċi l-iżbalji koroh tiegħi ħalli nkun nista' narahom u nistmerrhom.

7. Wara li rajt kemm dak il-bniedem kien nieqes mill-għerf kbir li stennejt fih, bdejt naqta' qalbi mill-ħila tiegħu biex jagħtini tifsira u tweġiba għall-mistoqsijiet li kienu jinkwetawni. Seta' ma kienx jinqala' għal dan u fl-istess ħin kellu l-verità ġusta, basta ma jkunx Manikew. Għax il-kotba tal-Manikej huma mimlija bi ħrejjef twal bla tarf dwar is-sema u l-kwiekeb u x-xemx u l-qamar, u jiena ridtu jqabbilhom mat-tifsir matematiku li kont sibt f'kotba oħra, u jfissirli bir-reqqa kollha li xtaqt minnu jekk dawk il-ħrejjef humiex aqwa jew għallinqas għandhomx l-istess piż. Deherli li ma kienx se jseħħlu jasal sa hawn; madankollu xorta waħda qegħidtlu din il-kwistjoni quddiemu biex jiżinha u niddiskutuha flimkien. Imma hu, bl-imġiba t-tajba kollha, ma riedx jidħol għal dan it-toqol: kien jaf u ma staħax jistqarr miegħi li ma setax jagħtini tifsira. Ma kienx bħal dawk il-ħafna lablaba li ħabbatt wiċċi magħhom meta fittxew igħallmuni u ma qaluli xejn. Għad li ma kellux qalbu sewwa miegħek, imma għallinqas kellu qalb mhix nieqsa mill-attenzjoni lejha nfisha. Kien jagħraf biżżejjed in-nuqqas ta' ħila tiegħu u ma riedx jidħol b'għajnejh magħluqa f'diskussjoni li la seta' joħroġ u lanqas jitwarrab minnha kif ġieb u laħaq. U din l-imġiba tiegħu għoġbitni iżjed, għax ir-ruħ li tistqarr u żżomm il-qjies hi aħjar minn kulma xtaqt inkun naf. U jien rajtu jġib ruħu bl-istess mod fil-kwistjonijiet kollha aktar tqal u mbixkla.

Hekk ġiet fix-xejn il-ħeġġa li kelli għat-tagħlim ta' Manes, u iżjed ukoll qtajt qalbi mill-għalliema l-oħra

tiegħu, ladarba l-aqwa wieħed fosthom ma għarafx iwieġeb għall-mistoqsijiet tiegħi. Iżda bqajt niltaqa' miegħu għax kien imħeġġeg għal-letteratura li f'dik il-ħabta kont ngħallem liż-żgħażagħ f'Kartaġni bħala surmast tar-rettorika. Konna naqraw flimkien il-kotba li hu xtaq għax kien sema' bihom, jew kotba oħra li fil-fehma tiegħi kienu jgħoddu għalih. Mill-bqija, wara li sirt naf lil dak il-bniedem, inqerdet fija kull xewqa li nimxi 'l quddiem f'dik is-setta. Ma nfridtx minnha għal kollox għax ma sibt xejn aħjar, u għalhekk qtajtha li għal xi żmien nikkuntenta ruħi bil-post li b'xi mod dħalt b'ġirja fih, sa ma forsi nilmaħ fid-dawl xi ħaġa aħjar. U b'hekk dak Fawstu, li kien xibka talmewt għal ħafna, bla ma ried u bla ma kien jaf beda jqatta' x-xibka li kont inqbadt fiha jien. Fil-misteru talprovidenza tiegħek, Alla tiegħi, int ma tlaqtx lil ruħi minn idejk, filwaqt li ommi bħala sagrifiċċju għalija kienet toffrilek demm qalbha u d-dmugħ li kienet ixxerred lejl u nhar. Int għamilt miegħi ħwejjeġ tal-għaġeb! U dan kollu għamiltu int, Alla tiegħi. Għax hu l-Mulej li jmexxi riġlejn il-bniedem u jiftaħlu t-triq. X'salvazzjoni tista' tinkiseb jekk idek ma ġġeddidx egħmilek?

8. Kien mela egħmil tiegħek għalija li xi wħud daħħluli f'moħħi biex immur f'Ruma u li jaqbilli ngħallem hemmhekk dak li kont ngħallem f'Kartaġni. Ma rridx inħalli barra u ma nistqarrlekx x'ġagħalni nagħmel hekk, għax dan ukoll jurina kemm ħsiebek hu għoli u moħbi u kemm għandna niftakru u nxandru l-ħniena tiegħek li hi dejjem fuqna. Ridt immur Ruma mhux biex naqla' flus iżjed jew biex nikseb ġieh aqwa kif wegħduni ħbiebi li ħajruni mmur hemm. Tassew li f'dik il-ħabta l-qligħ u l-ġieh

ukoll qanqluni, imma l-aqwa raġuni, u qisu ma kienx hemm ħliefha, kienet dik li, kif smajthom igħidu, iż-żgħażagħ Rumani kienu aktar kwieti fl-istudji tagħhom u joqogħdu iżjed għal dixxiplina organizzata aħjar. Huma ma jidħlux kif ġie ġie u b'wiċċhom sfiq fi skola ta' surmast ieħor fejn żgur ma jidħlux jekk ma jħallihomx. F'Kartaġni bil-maqlub; l-istudenti jagħmlu li jridu, huma żgħażagħ bla ġieh li ħadd ma jrażżanhom, jidħlu bħal riefnu fl-iskejjel bla misthija ta' xejn, u qishom imġienen iqallbu l-ordni li s-surmastrijiet ikunu ġiebu fost l-istudenti għall-ġid tagħhom. Il-ħażen u l-bluha tagħhom huma ħwejjeġ tal-għaġeb u ħaqqhom il-kastig tal-liġi li ma kienx għax id-drawwa tegħleb. Dan juri kemm huma ta' min jit-ħassarhom iżjed, għax bl-iskuża tad-drawwa jagħmlu dak li minn għalihom jista' jsir waqt li skond il-liġi tiegħek ta' dejjem ma jmissu qatt isir, anzi jidhrilhom li jistgħu jagħmluh bla biża' ta' kastig meta l-kastig tagħhom hu l-istess għama tagħhom li hu wisq agħar mill-ħażen kollu li jagħmlu. Imġiba bħal din qatt ma ridtha fija meta kont għadni student, iżda meta qbadt ngħallem kelli nistabar biha fl-oħrajn. Minħabba f'hekk qtajtha li mmur fejn dan ma kienx jiġri, skond ma qaluli dawk kollha li kienu jafu. Iżda tabilħaqq kont int, tama tiegħi u sehmi f'art il-ħajjin, kont int li għas-salvazzjoni ta' ruħi nebbahtni nfittex post ieħor f'din id-dinja, għax f'Kartaġni qegħidtli n-niggieża li warrbitni minn dik il-belt, u f'Ruma wrejtni l-ħwejjeġ li ħajruni u ġibduni. U int għamilt dan kollu permezz ta' bnedmin li jħobbu ħajja mejta, nies li f'post wieħed kienu jagħmlu l-bluhat u f'post ieħor iwiegħdu l-frugħa; bis-skiet kollu inti nqdejt bil-ħażen sew tagħhom u sew tiegħi ħalli nsewwi triqati. Min ħassarli kwieti kien mogħmi

b'ġenn moqżież, min ħajjarni nsiefer kien ħsiebu f'dak li hu ta' l-art, u jien, li hawnhekk kont nobgħod il-miżerja tassew, hemmhekk fittixt hena li ma kienx tassew.

Int, Alla tiegħi, kont taf ir-raġunijiet li minħabba fihom tlaqt minn Kartaġni u mort f'Ruma, iżda int la lili ma wrejthom u lanqas lil ommi li bkiet biki tad-demm xħin ratni tielaq. Kienet ġiet warajja sa xatt il-baħar, ħaddnitni magħha b'qawwa kbira, u riditni jew inħassar is-safra jew inħalliha tiġi miegħi. Jien qarraqt biha, għax għamilt ta' birruħi li kelli ħabib u ma ridtx inħallih waħdu sa ma jqum riħ tajjeb u jimla l-qlugħ għall-vjaġġ. Għidt kelma b'oħra lil ommi, lil dik l-omm! Imma ħlistha, għax int ħfirtli dan in-nuqqas; fil-ħniena tiegħek erfajtni mill-ilmijiet tal-baħar li kont ngħum fih kollni ħmieġ u qżież, biex imbagħad twassalni sa l-ilma tal-grazzja tiegħek. Bil-ħasil ta' dan l-ilma kienu se jinxfu minn għajnejn ommi x-xmajjar ta' dmugħ li bihom kuljum kienet issaqqi għalija l-art taħt wiċċha. Hi ma riditx terġa' lura mingħajri, u batejt sa ma fehimtha biex tgħaddi l-lejl fil-kappella ta' San Ċiprijan li kien hemm qrib ix-xini tagħna. F'dak l-istess lejl jiena tlaqt inkiss inkiss, waqt li hi baqgħet titlob u tibki. Alla tiegħi, x'talbitek b'dak id-dmugħ kollu ħlief li ma tħallinix insiefer? Int, fil-pjan għoli tiegħek, tajt widen għall-ispirtu tax-xewqa tagħha u ma tajtx kas ta' dak li kienet titolbok f'dak iż-żmien, biex aktar tard tagħmel miegħi dak li dejjem talbitek. Ir-riħ qam u mela l-qlugħ tagħna, u x-xtajta għabet minn quddiem għajnejna f'dik l-istesss għodwa li fiha ommi, b'moħħha mitluf bin-niket, kienet qiegħda timlielek widnejk bl-ilfiq u t-tnehid li int ma qisthom xejn. Int inqdejt bil-ġibdiet tiegħi u warrabtni minn hemm biex inkun nista' nqaċċat minni

dawk l-istess ġibdiet, u bis-swat tat-tbatija li kien jistħoqqli sawwatt ix-xewqat tagħha ta' bniedma li kienet. Bħall-ommijiet kollha, u wisq aktar minn ħafna ommijiet, hija kienet tħobb tarani ħdejha, u xejn ma basret kemm ferħ kont se xxerred fuqha bis-safar tiegħi. Ma ntebhitx b'dan, u għalhekk bkiet u newħet, u b'dik it-tbatija wriet kemm kien għad fadlilha minn Eva, li fittxet bit-tnehid lil dak li kienet wildet fost it-tnehid. Hija mbagħad, wara li ħaditha kontra l-qerq tiegħi u l-ebusija ta' qalbi, mill-ġdid qabdet titlob għalija u reġgħet lura għall-ħajja tagħha tas-soltu, waqt li jien bqajt sejjer lejn Ruma.

9. U ara, hemmhekk ġiet iżżurni t-tbatija tal-mard tal-ġisem; kont għoddni nieżel taħt l-art u miegħi nġorr il-ħażen kollu li għamilt kontra tiegħek, kontra tiegħi nnifsi u kontra l-oħrajn, dawk il-ħafna ħtijiet kbar li jiena żidt mal-ktajjen tad-dnub tan-nisel li bih ilkoll immutu f'Adam. Int ma kont ħfirtli xejn minnhom permezz ta' Kristu, u hu ma qeridx bis-salib tiegħu l-mibegħda li jiena ġibt bejni u bejnek bi dnubieti. Kif setgħet din il-mibegħda tinqered bis-salib ta' min kont inqisu fantażma?[5] Jekk il-mewt ta' ġismu kont nemmen li hi falza, daqshekk ieħor il-mewt ta' ruħi kienet vera, u jekk kienet vera l-mewt ta' ġismu, hekk ukoll kienet falza l-ħajja ta' ruħi li ma emmnitx fih. Id-deni telagħli u kont għoddni nfnejt u nqridt. Li kieku mitt, fejn kont immur f'dawk il-jiem jekk mhux fin-nar u tbatija li skond is-sewwa ta' l-ordni tiegħek kien ħaqqni għal egħmili? Ommi ma saritx taf bil-marda tiegħi, iżda mill-bogħod kienet titlob għalija. Int, li tinsab kullimkien, kont ħdejha biex tismagħha u ħdejja biex tħenn għalija u nerġa' nieħu saħħti, jien li qalbi sagrilega kienet

marida. F'dak il-periklu kbir ma fittixtx il-magħmudija tiegħek. Aħjar iż-żmien li fih kont għadni tifel, meta permezz tat-tjieba ta' ommi xtaqt ħafna nitgħammed, kif diġà stqarrejt f'dawn it-tifkiriet tiegħi[6]. Għajb għalija li, meta kbirt, fil-bluha tiegħi kont niddieħak bil-pariri tad-duwa tiegħek! Għad li dan, fil-qagħda li kont ma ħallejtnix immut għal darbtejn[7]. Kieku dan ġara, fil-qalb ta' ommi kienet issir ġerħa li ma kienet tfiq qatt minnha. Ma nistax infisser biżżejjed x'kienet tħoss għalija u kemm kienet qiegħda tilidni fl-ispirtu bi ħrara akbar minn dik li biha wilditni fil-ġisem.

Għalhekk ma nistax nifhem kif dik il-qalb setgħet tfiq kieku fil-għożża tagħha bla qjies kellha tkun minfuda minn mewt li tiġi fuqi f'dak l-istat. X'kien qiegħed isir minnu dak it-talb kollu, magħmul b'tant ħerqa u bla waqfien? Ma kien qed jasal imkien ħlief quddiemek. Iżda int, Alla ta' kull ħniena, stajt twarrab minn quddiemek il-qalb maqsuma u sogħbiena ta' armla safja u meqjusa? Kienet mara mogħtija għall-opri tal-karità, togħġob lill-qaddejja tiegħek u taqdihom, ma kinetx tħalli jum igħaddi bla ma tressaq fuq l-altar tiegħek l-offerta tagħha darbtejn kuljum, filgħodu u filgħaxija, u qatt ma naqset li tiġi fil-knisja tiegħek mhux biex titħaddet fil-fieragħ u tlablab bħan-nisa xjuħ, iżda biex tisma' lilek fil-kelma tiegħek u int tisma' lilha fit-talb tagħha. Int, li għamiltha hekk bil-grazzja tiegħek, stajt twarrab minn quddiemek u ċċaħħad mill-għajnuna tiegħek id-dmugħ tagħha li bih kienet titolbok mhux deheb jew fidda jew ġid li jgħaddi u jintemm, iżda s-salvazzjoni ta' ruħi, binha? Qatt, Mulej, għax int kont magħha u tismagħha u tagħmel kollox skond il-pjan li fassalt minn qabel. Ma jistax ikun li int kont tqarraq biha

fid-dehriet u t-tweġib tiegħek li jien diġà semmejt[8] u f'dawk li ma semmejtx. Hi kienet iżżommhom fil-qalb fidila tagħha, u fit-talb tagħha kienet dejjem tfakkrek fihom daqs li kieku kienu kitbiet f'ismek, int, li l-ħniena tiegħek hi minn dejjem, u li bil-wegħdiet tiegħek jogħġbok issir midjun ma' dawk li taħfrilhom id-djun kollha tagħhom.

10. Inti mbagħad fejjaqtni minn dik il-marda: f'dak iż-żmien u għal xi żmien raddejt is-saħħa tal-ġisem lill-iben tal-qaddejja tiegħek biex 'il quddiem ikollok lil min trodd-dlu saħħtu b'mod aħjar u iktar żgur. F'Ruma wkoll f'dik il-ħabta kont għadni nagħmilha ma' dawk il-qaddisin imqarrqa u qarrieqa, mhux biss mas-semmiegħa tagħhom, li fosthom kien hemm ukoll dak li kont għandu meta mradt u fiqt, iżda wkoll ma' dawk li jsejħulhom il-magħ-żulin tagħhom[9]. Jien kont għadni tal-fehma li ma nkunux aħna li nidinbu, iżda hemm natura oħra li tidneb ġewwa fina, ma nafx x'naqbad insejħilha. Fis-suppervja tiegħi kont nieħu gost narani miniex ħati, u jekk nagħmel xi ħaġa ħażina, ma kontx nistqarr li għamiltha jien ħalli b'hekk inti tfejjaq lil ruħi li tkun dinbet kontrik. Lil ruħi kont inħobb niskużaha u minflokha nakkuża lil xi ħaġa oħra, ma nafx xinhi, xi ħaġa li tinsab fija iżda li mhijiex jien. B'hekk kien jiġri li jien, ħaġa waħda sħiħa, kont nara l-ħażen tiegħi jaqsamni fija nnifsi. Il-ħsieb stess li miniex midneb kien dnub kbir wisq biex seta' jitfejjaq. X'ħażen misħut waqajt fih, o Alla li tista' kollox! Għażilt nara lilek mirbuħ ġewwa fija għall-qerda tiegħi, aktar milli nagħti ruħi b'mirbuħ quddiemek għas-salvazzjoni tiegħi. Kont għadek ma qegħidtlix ilġiem fuq fommi u għassa ta' trażżin



Monika kienet titlob b'wiċċha fl-art biex binha jitbiegħed mill-ħażen u jitgħallem is-sewwa.

fuq xofftejja biex minn qalbi ma joħroġx kliem ta' ħażen b'ħafna skużi li jagħalquli għajnejja għad-dnubiet u l-bnedmin li jagħmlu l-ħażen. Għalhekk bqajt nagħmilha mal-magħżulin tagħhom, imma b'qalbi maqtugħa li nista' nimxi aktar 'il quddiem fit-tagħlim qarrieqi tagħhom. U minn dak iż-żmien naqqast il-ħeġġa u l-ħrara għall-istess ħwejjeġ li ridt nikkuntenta ruħi bihom jekk ma nsibx aħjar.

Nibet ukoll fija l-ħsieb li huma aktar għaqlin mill-bqija dawk il-filosofi li jsejħulhom Akkademiċi, għax dawn qalu li għandna niddubitaw minn kollox u li l-bniedem ma jista' jagħraf xejn mill-verità[10]. Kulħadd kien igħid li din hi l-fehma tagħhom, kif jiena stess rajt biċ-ċar, imma kont għadni ma qbadtx xi jridu jfissru biha. Il-fehma tiegħi ma ħbejthiex, anqas minn dak stess li laqagħni għandu, anzi ħadtha miegħu għax ħassejt li kellu fiduċja żejda fil-ħrejjef li l-kotba tal-Manikej huma mimlija bihom. B'danakollu bqajt ħabib ma' sħabhom aktar milli ma' dawk li ma kinux waqgħu fl-ereżija tagħhom. Jien ma ssoktajtx niddefendiha bil-ħeġġa ta' qabel, iżda minħabba fil-ħbiberija tiegħi magħhom – għax kien għad hemm ħafna minnhom moħbijin f'Ruma[11] – rabbejt il-għażż u ma fittixtx tagħlim ieħor, iżjed u iżjed billi kont qtajt qalbi, Sid is-sema u l-art, li ħlaqt dak kollu li jidher u dak kollu li ma jidhirx, kont qtajt qalbi li fil-Knisja tiegħek stajt insib il-verità li huma kienu firduni minnha. Deherli li kien baxx wisq it-twemmin li int għandek sura ta' ġisem ta' bniedem u li int magħluq f'ġisem bil-membri bħal tagħna. Meta kont irrid naħseb f'Alla tiegħi, ma kien ikolli l-ħila nġib xejn quddiem moħħi ħlief iġsma: fil-fehma tiegħi ma kien jeżisti xejn ħlief ħwejjeġ li għandhom

ġisem. U din, jekk ma kinitx il-ħtija waħdanija, kienet għallinqas l-aqwa ħtija ta' l-iżball tiegħi li ma stajtx ma naqax fih.

Minħabba f'hekk emmint li teżisti bħal sustanza tal-ħażen, b'sura mċajpra u mgerfxa, li hi jew magħquda, u din kienu jsejħulha l-art, jew ratba u maħlula, bħalma hi n-natura ta' l-arja li huma kienu jqisuha bħal spirtu ħażin jitkaxkar fuq din l-art. Is-sentiment reliġjuż tiegħi, kien x'kien, ġagħalni nemmen li ebda alla twajjeb ma seta' jaħlaq natura ħażina, u għalhekk kont ngħid li jeżistu żewġ sustanzi kuntrarji għal xulxin u t-tnejn bla qjies, għad li l-ħażina ma kinitx daqs it-tajba. Minn din il-għajn imdardra ħarġu l-fehmiet sagrileġi tiegħi l-oħra. Kull darba li l-ispirtu tiegħi kien ifittex idur lejn il-fidi kattolika, kont insib x'jimbuttani lura minnha għax ma kinetx il-fidi kattolika li kont nistħajjel jien. Alla tiegħi, li lilek inrodd ħajr għal tjubitek, kont inħossni aktar twajjeb jekk nemmen fik bħala essri bla qjies minn kull naħa, għad li kont nistħajlek meqjus minn dik in-naħa li fiha kellek is-sustanza tal-ħażen kontra tiegħek. Kien inħossni aktar twajjeb nemmnek hekk milli nistħajlek magħluq minn kull naħa fis-sura ta' ġisem ta' bniedem. Kien jidhirli aħjar jekk nemmen li int ma ħlaqt ebda ħażen milli nemmen li minnek hi ġejja n-natura tal-ħażen kif kont nistħajjilha jien. Fl-injoranza tiegħi kont naħseb li l-ħażen mhuwiex sustanza biss, iżda wkoll sustanza mlibbsa bil-ġisem. Moħħi ma kienx jaf jaħseb f'sustanza oħra mhijiex imlibbsa b'ġisem, ġisem fin li hu mxerred ma' kullimkien. Lill-Waħdieni tiegħek Salvatur tagħna kont nistħajlu maħruġ għas-salvazzjoni tagħna mill-bini ta' ġismek kollu dawl, u ma kont nemmen xejn dwaru ħlief dak li l-frugħa tiegħi setgħet

tgħidli fuqu. Għalhekk kont naħseb li natura bħal din tiegħu ma setgħetx titwieled minn Marija Verġni ħlief biss jekk tkun magħluqa f'ġisem. Kif imbagħad din in-natura li stħajjilt jien setgħet tingħalaq f'ġisem bla ma titniġġes minnu, din hi ħaġa li ma stajtx nifhimha. Għalhekk bżajt nemmen li hu twieled bħala bniedem fil-ġisem, biex ma nkunx mġiegħel nemmen li hu tniġġes mill-ġisem. Uliedek spiritwali fl-imħabba tagħhom għand-hom mnejn jitbissmu bil-ħlewwa xħin jaqraw dawn l-istqarrijiet tiegħi; iżda jien hekk kont.

11. Kien jidhirli wkoll li ħadd ma jista' jiddefendi l-ħwejjeġ li l-Manikej kienu jmaqdru fl-Iskrittura tiegħek. Iżda ġie li xtaqt tassew nitħaddet fuq xi siltiet ma' min hu tabilħaqq għaref fil-Kotba Mqaddsa biex nara x'jaħseb fuqhom. Kont naf wieħed, jismu Elpidju, li kien jeħodha kontra l-Manikej f'wiċċhom stess. Id-diskorsi tiegħu kienu jolqtuni sa minn meta kont għadni f'Kartaġni, għax kien igħid ħwejjeġ fuq l-Iskrittura li ma twaqqagħhomx kif ġieb u laħaq. It-tweġib tal-Manikej kont inħossu dgħajjef, mhux biss, iżda wkoll kien tweġib mogħti mhux b'ħeffa quddiem kulħadd, imma lilna biss u bil-moħbi. Kienu jgħidulna li l-kotba tat-Testment il-ġdid kienu tbagħbsu ma nafx minn min, xi ħadd li ried ideffes il-liġi tal-Lhud fit-twemmin nisrani. Safrattant qatt ma wrewna testi oħra li ma kinux imbagħbsa. Min-naħa tiegħi bqajt nistħajjel li dawk iż-żewġ sustanzi kienu iġsma, u kont inħossni hekk imgħaffeġ u lsir fgat taħt it-toqol tagħhom li xtaqt wisq nieħu n-nifs fl-arja tal-verità ċara u sempliċi tiegħek, iżda ma seħħlix.

12. Bil-ħeġġa kollha ntfajt għall-ħidma li minħabba

fiha mort f'Ruma, jiġifieri, li ngħallem ir-rettorika. Għall-ewwel sejjaħt għandi lil xi wħud, u dawn, kif ukoll oħrajn bis-saħħa tagħhom, bdew isiru jafuni. U ara, bdejt nagħraf li f'Ruma wkoll kienu jsiru l-ħwejjeġ li anqas fl-Afrika ma kont naħmel. Tassew li, minn dak li rajt, ma kienx jinsab f'Ruma dak it-taqlib ta' taħt fuq li ż-żgħażagħ mill-agħar kienu jagħmlu f'Kartaġni, iżda kif qaluli, "Ħafna żgħażagħ, biex ma jħallsux il-miżati lis-surmast tagħhom, jiftiehmu bejniethom bħallikieku xejn u jiksru l-patt li jkunu għamlu miegħu, u jmorru għand surmast ieħor, u b'hekk iżebilħu l-ġustizzja għall-imħabba tal-flus". Minn qalbi bgħadt lil dawn ukoll, għad li mhux b'mibegħda kbira tassew. Jista' jkun li l-mibegħda tiegħi kienet aktar għat-tbatija li kont se nara minnhom milli għall-egħmil tagħhom lil ħaddieħor kontra l-liġi. Naf tajjeb li żgħażagħ bħal dawn ma għandhomx ġieh u jitbiegħdu minnek billi jħobbu bluhat li jogħsfru fix-xejn biż-żmien; huma jfittxu qligħ li jħammġilhom idejhom qisu tajn meta jaħfnuh, iħaddnu dinja li taħrab u jmaqdru lilek li tibqa', int li ssejjaħ lejk ir-ruħ tal-bniedem li tiżni minnek u taħfrilha meta terġa' lura għandek. Jien issa nobgħod żgħażagħ imħassra u ħżiena bħal dawn, għad li nħobbhom ukoll biex isewwu triqathom u jfittxu mhux il-flus iżda t-tagħlim stess li jirċievu, u permezz tat-tagħlim ifittxu iżjed lilek, Alla, verità u għajn ta' ġid żgur u sliem safi mill-iżjed. Jien f'dak iż-żmien iktar fittixt li neħles mit-tbatija tagħhom għall-imħabba tiegħi nnifsi, milli xtaqthom isiru tajbin għall-imħabba tiegħek.

13. Għalhekk, meta l-prefett ta' Ruma waslitlu talba minn Milan biex jibgħat surmast tar-rettorika f'dik il-belt

li kienet se tħallas l-ispejjes tal-vjaġġ, jiena nnifsi ħabrikt biex Simmaku, il-prefett ta' dak iż-żmien, jistħarreġ il-ħila tiegħi għal dak ix-xogħol u jibgħat lili. Għal dan il-ħsieb inqdejt bl-istess nies li kienu mitlufa wara l-frugħat tal-Manikej, li la huma u lanqas jien ma bsarna li t-tluq tiegħi kien se jaqtagħni minnhom. U hekk wasalt f'Milan. Hawnhekk iltqajt ma' l-isqof Ambroġ, magħruf mid-dinja kollha bħala raġel mill-aħjar. Kien qaddej tajjeb tiegħek. F'dik il-ħabta bid-diskorsi qawwija tiegħu kien iqassam lill-poplu tiegħek qamħ mill-aħjar, żejt ta' hena u mbid ta' ferħ xieraq. Jien ma kellix id-dawl biex jurini li int stess qanqaltni u ressaqtni lejh ħalli hu jagħtini d-dawl u jressaqni lejk. Il-bniedem t'Alla laqagħni bħal missier u, ta' isqof twajjeb li kien, urieni li l-vjaġġ tiegħi għoġbu. Jiena nġbidt lejh, għall-ewwel mhux għax kien mgħallem ta' dik il-verità li jien kont tlift it-tama li se nsibha fil-Knisja tiegħek, iżda biss għax wera tjubitu miegħi. B'dehwa liema bħalha kont immur għad-diskorsi li kien jagħmel lill-poplu. Il-fehma tiegħi messha kienet xort'oħra, iżda jien kont immur biex qisni nistħarreġ il-ħila tiegħu għat-taħdit u nara jekk kienx jixraqlu l-fama li kiseb jew jekk kienx ħaqqu iżjed jew inqas minn hekk. Kliemu kien isaħħarni, mhux għax kont nagħti kas tat-tagħlim tiegħu, għax anzi dan kien idejjaqni, imma għax l-ħlewwa tiegħu fid-diskors kienet tgħaxxaqni. Fl-insiġ tal-kliem kien jinqala' iżjed minn Fawstu għad li dan kien iżjed ferrieħi u dħuli fi kliemu. Mill-bqija ma hemm ebda xebh bejniethom: dan kien iħawwad skond il-qerq tal-Manikej, l-ieħor kien ixandar tagħlim tajjeb ta' salvazzjoni. Iżda s-salvazzjoni hija 'l bogħod mill-midinbin bħalma kont jien meta kont immur

nisimgħu. U madankollu bil-mod il-mod u bla ma ntbaht kont riesaq lejha.

14. B'qalbi maqtugħa kont naħseb li, b'tagħlim bħal tiegħu, il-bniedem ma jistax ikollu ħlief tama fiergħa li tinfetaħlu t-triq għal għandek. Għalhekk ma kontx infittex li nitgħallem minn dak li kien igħid, iżda kont biss attent għall-mod kif kien igħidu. Iżda flimkien ma' kliemu li kien jogħġobni bdiet dieħla wkoll fl-ispirtu tiegħi s-sustanza ta' kliemu li jien ma kontx tajt kas tagħha. Kienu żewġ ħwejjeġ li ma stajtx nifridhom minn xulxin. U waqt li kelli qalbi miftuħa għall-mod ċar tat-taħdit tiegħu, fl-istess ħin, għad li bil-mod il-mod, bdiet ukoll dieħla fiha l-verità ta' dak li kien igħid. Bdejt biex inħoss li anki tagħlim bħal tiegħu seta' jinżamm b'tajjeb. Deherli li wieħed ma jkollux biex jistħi jekk jistqarr il-fidi kattolika li minn għalija ħadd ma seta' jiddefendiha kontra l-attakki tal-Manikej. Dan ġrali l-iżjed wara li bosta drabi smajtu jfisser is-sens moħbi ta' dan jew dak il-punt mill-kotba tat-Testment il-qadim li għalija kien ittra li toqtol jekk neħodha talli hi u xejn iżjed[12]. Għalhekk, wara li smajtu jfisser is-sens spiritwali ta' ħafna punti mill-Kotba Mqaddsa, ċanfart lili nnifsi għal dak l-istess qtigħ ta' qalb li ġagħalni naħseb li qatt ħadd ma seta' jwaqqa' lil dawk li kienu jwarrbu l-liġi u l-profeti u jiddieħku bihom. Rajt li l-fidi kattolika wkoll seta' jkollha għorrief jistqarruha, nies li jafu tassew u mhux biċ-ċajt iwaqqgħu kull ma jinġieb kontra tagħha, imma ħassejt li din ir-raġuni weħidha ma kinetx bizzejjed għalija biex inħaddan il-fidi. Min-naħa l-oħra deherli wkoll li ma kellix nikkundanna t-twemmin li kont għadni nżomm, għax sew dan u sew dik,

it-tnejn xorta waħda setgħu jiddefendu ruħhom. Fi kliem ieħor, il-fidi kattolika ma dehritlix mirbuħa, iżda anqas ma bdejt naraha rebbieħa.

Imbagħad dawwart ħsiebi bil-qawwa kollha biex nara jekk b'xi mod stajtx insib provi ċerti biex nuri l-qerq tal-Manikej. Li kieku stajt naħseb f'xi sustanza spiritwali, minnufih kont inkisser u nwarrab minni l-għodod kollha tagħhom; iżda dan ma seħħlix. Aktar ma kont naħseb fuq il-bini ta' din id-dinja u ta' kull ħaġa li taqa' taħt is-sensi tagħna, aktar u aktar bdejt indaħħal f'moħħi li dak li jgħidu l-filosofi fil-biċċa l-kbira tagħhom huwa iżjed probabbli. Minħabba f'hekk ġrali bħall-Akkademiċi, skond ma jgħidu fuqhom, jiġifieri, sirt dubbjuż minn kollox. U f'dak il-baħar imqalleb ta' ħsibijieti qtajtha li ninfired mill-Manikej: ħassejt li ma kellix nibqa' iżjed magħhom ladarba kont inqis lil xi wħud mill-filosofi bħala aħjar minnhom. Għad li dan, b'xejn ma ridt nitlaq ruħi f'idejn dawn il-filosofi biex ifejquhieli mill-mard tagħha, għax huma ma kinux jemmnu fis-saħħa ta' l-isem ta' Kristu. Għalhekk għażilt li nibqa' katekumenu fil-Knisja kattolika, kif xtaquni qrabati, sa ma jfiġġli dawl ċert li stajt nimxi fih.

[1]It-tagħlim liberali huwa dak li jingħata fl-iskejjel sekondarji bħala thejjija għall-istudji ogħla universitarji.

[2]Il-kostellazzjoni ta' l-Orsijiet, jew kewkbet il-baħar, kif nafuha aħna.

[3]Manes ippretenda li hu l-aħħar wieħed fost il-profeti u li Kristu bagħat l-Ispirtu s-Santu fih bis-setgħa li jirrivela l-verità kollha.

[4]Luċju Annew Seneka (c. 4 q.K.–65 w.K.) kien filosofu u awtur magħruf u surmast ta' Neruni, li akkużah bħala kompliċi f'konfoffa kontra tiegħu u ġagħlu jneħħi ħajtu b'idejh.

[5]Il-Manikej kienu jiċħdu li Kristu kellu ġisem tassew; kienu jgħidu li l-ġisem fih innifsu hu materja mudlama u ħażina, u għalhekk in-natura divina ta' Kristu kienet tittabba' u titniġġes kieku Bin Alla libes ġisem tassew. Fil-fehma tagħhom anqas il-mewt tiegħu ma ġrat tassew, imma deher biss qisu miet.

[6]Ara l-I Ktieb, n. 11.

[7]Jiġifieri, bil-mewt tal-ġisem u t-telfien tar-ruħ għal dejjem.

[8]Ara t-III Ktieb, n. 11.

[9]Ara n-nota 12 tat-III Ktieb.

[10]Il-filosofu Platun (c. 429–347 q.K.) kien igħallem fi ġnien qrib Ateni li kienu jsejħulu l-Akkademja; b'hekk ingħata l-isem ta' Akkademiċi lill-istudenti tiegħu u lil dawk li kienu jimxu fuq tagħlimu. Wieħed mill-punti ewlenin ta' dan it-tagħlim kien sewwa sew ix-xettiċiżmu, li bih wieħed jiddubita minn kollox.

[11]Diversi imperaturi Rumani ħarġu ordnijiet biex il-Manikej ma jitħallewx ixerrdu t-tagħlim tagħhom u kienu jakkużawhom bħala nies li jaqilgħu l-inkwiet fil-pajjiż.

[12]S. Ambroġ kien wieħed mill-għorrief tal-Knisja li xandru u għallmu s-sens spiritwali u allegoriku ta' ħafna mit-testi tal-Bibbja.



Inzerta f'Milan kien hemm post vaganti ta' professur tar-rettorika. Għalhekk Wistin ħataf l-okkażjoni, applika għalih, u l-post ingħata lilu.